**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 721/02**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Abela)**

**Vs**

**Omar Caruana**

**Illum 16 ta' Novembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' Omar Caruana, iben Francis u Anna neè Rapa, imwieled San Ġiljan fl-10 ta' Diċembru 1976 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 30477(M), talli fil-5 ta' Frar 2002 u fil-ġranet ta' wara, ġewwa Buġibba jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal ħaddieħor minn ħaġa ta' ħaddieħor u cioè vettura numru DAK-465 ta' l-għamla Accent b'valur ta' aktar minn Lm1,000[1], li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat minħabba l-kariga jew servizz tiegħu jew minħabba depożitu neċessarju, bi ksur ta' l-Artikoli 293, 294 u 310 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 2 u 3 tal-proċess u rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fol. 10 tal-proċess;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu[2];

Rat li waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2019[3], id-Difiża eżentat lill-Qorti kif issa presjeduta milli terġa' tisma' x-xhieda li già kienu tressqu sa' dakinhar;

Rat u kkunsidrat ix-xhieda ta' l-Ispettur Joseph Cordina mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' April 2003[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "O" sa' Dok. "O3" a fol. 11 sa' 16 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC675 Franco Grima mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta'

[1] Illum ekwivalenti għal €2,329.37.
[2] Fol. 9 tal-proċess.
[3] Vide verbal tas-seduta tat-22 ta' Ottubru 2019, fol. 66 tal-proċess.
[4] Fol. 17 sa' 22 tal-proċess.

Jannar 2019[5] u x-xhieda ta' l-Assistent Kummissarju Ian Abdilla mogħtija waqt is-seduti tat-30 ta' Novembru 2020[6] u tas-27 ta' Lulju 2021[7] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "IA" a fol. 76 sa' 80 tal-proċess u Dok. "IAX" a fol. 119 sa' 143 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Raymond Cortis[8], Stephen Cachia in rappreżentanza ta' l-Awtorità għat-Trasport f'Malta[9] u ta' Mark Laferla in rappreżentanza ta' Laferla Insurance[10], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2020 u rat id-dokument esebit minn Stephen Cachia in rappreżentanza ta' l-Awtorità għat-Trasport f'Malta markat Dok. "SC" a fol. 86 sa' 88 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC97 Silvio Bonello mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2021[11] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "SB" a fol. 95 sa' 99 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Glen Debattista mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2021[12] u rat id-dokument esebit mill-Prosekuzzjoni, ossia l-Fedina Penali aġġornata ta' l-imputat, permezz ta' Nota ppreżentata fis-6 ta' Settembru 2021 a fol. 144 sa' 154 tal-proċess;

Semgħet is-sottomissjonijiet da parte tal-Prosekuzzjoni u d-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli fil-5 ta' Frar 2002 u fil-ġranet ta' wara, ġewwa Buġibba jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal ħaddieħor minn ħaġa ta' ħaddieħor u cioè vettura numru DAK-465 ta' l-għamla Accent b'valur ta' aktar minn Lm1,000 (illum ekwivalenti għal €2,329.37), li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat minħabba l-kariga jew servizz tiegħu jew minħabba depożitu neċessarju.

L-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat kjarament hija dik tat-twettiq tar-reat ta' approprjazzjoni indebita ai termini ta' l-Artikolu 293 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta bl-aggravanti u skala fil-piena previsti fl-Artikolu 294 u 310 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjoni hekk dedotta kontrih.

Ix-xhieda rilevanti għall-finijiet tal-mertu ta' dawn il-proċeduri huma:

**L-Ispettur Joseph Cordina**[13] illi xehed li huwa kien daħal f'dan il-każ in segwitu għal rapport magħmul minn ċertu Raymond Cortis ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar fl-14 ta' Frar 2000, fejn irrapporta li huwa kien kera karozza lil persuna u din il-karozza qatt ma ġiet ritornata lura u ma nstabitx. L-Ispettur Cordina ddikjara li *minn l-ewwel indaġini li għamilt sibt li din il-karozza li kien qed jalludi għaliha is-Sur Cortis kienet tal-marka Hyundai bin-numru DAK-465. Raymond Cortis ... qal li kien l-owner, li kien is-sid ta' din il-vettura u li f'arranġament, f'kuntratt li kien għamel ma' ċertu Glen Debattista minn B'Kara, dan Cortis kellu numru ta' karozzi li għaddihom lil Glen Debattista u Glen Debattista kien jikrihom u jġestihom biex jikrihom hu. Dan sar b'kuntratt privat datat 11 ta' Mejju 1999. Glen Debattista fil-fatt irriżultali li għandu kumpanija bl-isem ta' Lytens Company Limited u minn din il-kumpanija jopera aġenzija ta' kiri tal-karozzi self drive.*

[5] Fol. 63 tal-proċess.
[6] Fol. 75 tal-proċess.
[7] Fol. 118 tal-proċess.
[8] Fol. 81 sa' 83 tal-proċess.
[9] Fol. 84 u 85 tal-proċess.
[10] Fol. 89 u 90 tal-proċess.
[11] Fol. 93 u 94 tal-proċess.
[12] Fol. 106 sa' 114 tal-proċess.
[13] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' April 2003 a fol. 17 sa' 22 tal-proċess.

*Sibt ukoll li l-imputat Omar Caruana mill-Qawra, li qed nagħraf hawnhekk fl-Awla, ukoll jikri l-karozzi u għandu kumpanija, għandu garaxx magħruf bħala Blue Angel Car Hire minn fejn dan ukoll jikri l-karozzi. Darba minnhom dan Omar Caruana kien talab karozza DAK 465 mingħand Glen Debattista biex dan jikriha lil klijent tiegħu. Jiena sirt naf li din hija sitwazzjoni li ssir spiss fejn garaxx li forsi jkollu nuqqas ta' vetturi imma jkollu talba għal kiri imur fuq garaxx ieħor, jieħu l-karozza biex hu jkun jista' jikriha u qishom isellfu lil xulxin. Fil-fatt dan Glen Debattista għadda din il-karozza lil Omar Caruana għal hamest ijiem. Wara li għaddew dawn il-ħamest ijiem huwa reġa mar biex jiġbor din il-vettura, Omar Caruan informa lil Glen Debattista li kien kera din il-vettura lil ċertu John Howe li kien minn l-Ingilterra u li kien qiegħed residenti fil-lukanda Dolmen Hotel Buġibba iżda dan John Howe fil-fatt baqa' dak il-ħin ma nstabx. Fl-aħħar il-Pulizija kienu sabu persuna bl-isem John Howe li għandu passaport numru 100344618 u li dan fil-fatt lil Pulizija qalilhom li qatt ma kera karozzi. Dan Ingliż li kien qiegħed għal holiday ġewwa Malta. Dan il-Pulizija ta' Buġibba qallhom li ma kienx kera l-ebda karozza fi żmien li kien hawn Malta. Lil Glen Debattista jiena kellimtu fl-uffiċju tiegħi flimkien ma' l-Ispettur Simon Galea fl-20 ta' Marzu 2002. Dan ikkonfermali wkoll li Omar kien talbu vettura biex jikriha lil ħaddieħor għal ħamest ijiem. Debattista qalli li fil-5 ta' Frar 2002 Omar Caruana tela' l-garaxx tiegħu u ġabar il-karozza DAK 465 u dan biex jikriha lil ħaddieħor. Debattista qalli li fil-fatt Caruana ġabar il-karozza hu stess u qallu li sa jikriha lil ċertu John Howe li qiegħed il-Lukanda Dolmen u li kellu jikriha għal ħamest ijiem. Kif għaddew dawn il-ħamest ijiem Debattista mar biex jiġbor din il-karozza, mar il-lukanda fejn suppost kien qed joqgħid dan Howe, Debattista ma sabux iżda ġie infurmat li kien hemm, dan mar kellem lil Caruana u qallu li lil John Howe ma kienx sabu. Caruana fil-fatt ta dokument lil Debattista biex jgħidlu min hu dan John Howe u dan id-dokument kien jgħid, kien juri li John Howe joqgħod Ashley Hill St. Andrews, Bristol, u b'dan id-dokument Debattista mar għand Raymond Cortis li huwa l-owner proprja tal-vettura u hemmhekk marru għamlu rapport l-Għassa għax din il-vettura baqgħet ma nstabitx. Cortis mar anke għand il-kumpanija ta' l-assikurazzjoni u qallhom li din il-karozza hija nieqsa. Fl-istess ġurnata jiena kellimt ukoll lil Omar Caruana, kellimtu ġewwa l-uffiċju tiegħi fejn wara li tajtu s-solita twissija li ma kellux għalfejn iwieġeb għal mistoqsijiet li kont ser nagħmillu u dan irrilaxxa stqarrija. Dan ikkonferma li kien ġabar il-karozza DAK 465 mingħand Debattista fil-5 ta' Frar u li kellu jikri għal ħamest ijiem. Dan qalli li kien fl-uffiċju tiegħu u ġie raġel u talbu li jrid jikri karozza u peress li ma kellux mar għand Debattista ħalli jiġbor karozza minn hemmhekk. Meta staqsejtu min hu dan ir-raġel li ġie għal karozza, qalli dan kien persuna li ma nafx min hu, qalli ma nafx x'jismu, qalli imma nar li jkun ma' ċertu Rene Schwarz. Dwar Rene Schwarz ma tani l-ebda indikazzjonijiet min jista' jkun dan Rene Schwarz ħlief li huwa persuna li kien jaħdem bħala time share agent. ... Fil-fatt dan Rene Schwarz pruvajt infittxu jiena u ma sibtux lanqas. Dan qalli li għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar kien ġabar il-karozza mingħand Debattista, iltaqa' ma' dan il-persuna li ried jieħu l-karozza għal persuna oħra, taħ photocopy tal-liċnejza tas-sewqan ta' dan l-Ingliż li suppost kellu jiġbor il-karozza u li kien joqgħod room 405 Dolmen Hotel u dan mingħajr ma ra u mingħajr qatt ma ra lil dan John Howe, dan Caruana qed jgħid li ta l-karozza lil persuna oħra li ma jafx x'jisimha li din il-persuna li ma jafx x'jisimha kellu jagħtiha lil John Howe. Jiġifieri din il-karozza bqajna ma sibnihiex. Jiena saqsejtu x'għamel biex iġib il-karozza lura u qalli li dar Malta kollha u din il-karozza qatt ma sabha. Jiena kellimt ukoll lil Raymond Cortis li huwa l-owner reġistrat ta' din il-vettura. Dan qalli li qabel kellu kumpanija li tikri l-vetturi bl-isem ta' ... Car Limited, qal li imbagħad daħal f'kuntratt ma' Glen Debattista u għadda l-karozzi kollha tiegħu lil Glen Debattista iżda li kien għadu qed jirċievi xi flus biex ikopri dan l-agreement li kellhom bejniethom. Dan qalli li fit-13 ta' Frar ċempillu Glen Debattista u qallu li hemm vettura nieqsa u talbu jmur miegħu l-Għassa ħalli jagħmlu rapport. Fil-fatt Cortis qal li fl-*[14] *ta' Frar mar u għamel rapport li l-karozza kienet nieqsa. Għamilna stħarrig ma' Brian Agius, Reservations Manager, ta' Dolmen Hotel, dan Brian Agius ikkonferma li kien hemm persuna bl-isem ta'*

*John Howe ta' 42, Cartmel Crescent, Chadderten, Oldham, bil-passaport number 100344618 u li dan qagħad fil-lukanda bejn it-8 ta' Frar u s-16 ta' Frar. Jiġifieri fil-lukanda dan kien hemmhekk tlett ijiem wara l-5 ta' Frar li suppost inkriet il-karozza lilu. Kif għidt qabel jiena lil dan John Howe qatt ma sibtu, lil Schwarz qatt ma sibtu wkoll u lil dan il-persuna misterjuża li bqajna mingħajr isem li suppost ġabar il-karozza mingħand il-garaxx ta' Omar Caruana ma sibtux ukoll. Sa' llum din il-karozza ma instabitx ... għadha nieqsa.*

L-Ispettur Joseph Cordina esebixxa l-istqarrija rilaxxata mill-imputat - Dok. "O' a fol. 11 sa' 13 tal-proċess, fotokopja ta' kuntratt ta' kiri ta' vettura a favur ċertu John Howe - Dok. "O1" a fol. 14 tal-process - u fotokopja ta' liċenzja tas-sewqan ta' ċertu John Howe - Dok. "O2" a fol. 15 tal-process.

**Raymond Cortis**[14], fiż-żmien in kwistjoni l-proprjetarju reġistrat tal-karozza ta' l-għamla Hyundai Accent bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DAK-465, xehed illi huwa kellu permess tal-*Car Hire* li kien willieħ lil Glen Debattista li allura beda jopera f'dan is-settur bil-permess tiegħu. Xehed ukoll illi ma' dan Glen Debattista kien qed ikollu ħafna problemi fuq il-karozzi li kien qed joħroġ taħt ismu u anke kien hemm proċeduri l-Qorti fir-rigward. In kwantu rigwarda l-karozza u l-każ in kwistjoni, Raymond Cortis ma ftakar pratikament xejn. Fil-fatt għall-ewwel, mistoqsi dwar rapport magħmul mal-Pulizija dwar serq tal-karozza bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DAK-465, Raymond Cortis xehed *ma niftakarx li kont għamilt dan ir-rapport ngħidlek il-verità*. Ippressat ulterjorment fir-rigward xehed *qed niftakar xi ħaġa la qed issemmihieli. Jiena kont għamilt rapport l-Għassa għax kienet qiegħda fuq ismi u x'aktarx kien miegħi Glen u qalli peress li qiegħda fuq ismek, trid tmur tagħmel rapport inti.* Dwar il-fatti per se tal-każ però ddikjara li ma jaf xejn. Rinfaċċjat bil-fatt li fir-rapport hemm indikat li huwa ddikjara li kien kera vettura lil Omar Caruana, Raymond Cortis iddikjara *le, qatt ma krejt l-ebda karozzi jien* u qal ukoll li dan Omar Caruana ma jafx min hu.

**Stephen Cachia, rappreżentant ta' l-Awtorità għat-Trasport f'Malta**[15], xehed illi l-karozza ta' l-għamla Hyundai Accent bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DAK-465 hija reġistrata fuq Raymond Cortis, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 589056(M), u ilha hekk reġistrata f'ismu sa' mis-27 ta' Mejju 1999. Xehed ukoll li l-aħħar liċenzja fuq din il-karozza kienet skadiet fl-2001 u baqgħet ma ġietx imġedda. Għalkemm ma vverifikax jekk il-karozza hijiex misruq jew le, Stephen Cachia ddikjara li *la hija ggaraxxjata u lanqas hija skrappjata uffiċjalment ma' Transport Malta. Issa jekk hijiex misruqa jew le, bil-ġurament tiegħi, m'għamiltx riċerka jekk għandniex rendikont aħna ma rċevejniex rapport tal-Pulizija li din ġiet misruqa.* Stephen Cachia ppreżenta il-Vehcile Details Report ta' l-Awtorità għat-Trasport f'Malta dwar il-karozza ta' l-għamla Hyundai Accent bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DAK-465, markat Dok. "SC" a fol. 86 u 87 tal-proċess.

**L-Assistent Kummissarju Ian Abdilla**[16] esebixxa r-rapport bin-Numru 8/S/245/2002 li kien għamel Raymond Cortis fl-14 ta' Frar 2002, Dok. "IA" a fol. 76 sa' 80 tal-proċess, liema rapport reġa' ġie esebit bħala Dok. "SB" a fol. 95 sa' 99 minn **PC97 Silvio Bonello**[17] li fir-rigward iddikjara *fl-14 ta' Frar tas-sena 2002 ġie Raymond Cortis u beda rapport fuq vettura. Ir-rapport bdejtu jiena mbagħad komplew jinvestigaw ta' fuqi fuqu.* Mistoqsi dwar l-eżitu ta' l-investigazzjoni, huwa wieġeb li ma għandux ideja x'kien l-eżitu ta' l-istess.

[14] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2020, fol. 81 sa' 83 tal-proċess.
[15] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2020, fol. 84 u 85 tal-proċess.
[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2020, fol. 75 u 76 tal-proċess.
[17] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2021, fol. 93 u 94 tal-proċess.

**Mark Laferla, rappreżentant ta' Laferla Insurance**[18], ikkonferma li fiż-żmien kien hemm *claim* dwar serq tal-karozza ta' l-għamla Hyundai Accent bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DAK-465 iżda ma setax jipprovdi dokumentazzjoni jew informazzjoni ulterjuri fir-rigward peress illi r-retention period ta' l-assikurazzjoni huwa ta' għaxar snin mill-għeluq tal-claim. Madanakollu però ma setgħax jgħid jekk il-claim in kwistjoni tħallsitx o meno.

**Glen Debattista**[19] xehed illi huwa jaf lil Omar Caruana peress illi dan kellu uffiċċju żmien ilu f'Buġibba u hu, ossia Debattista, kien jikrilu xi vetturi in kwantu huwa dak iż-żmien kien fin-negozju tal-kiri ta' vetturi. Fir-rigward tal-karozza ta' l-għamla Hyundai Accent bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DAK-465, Glen Debattista xehed illi *darba kien ċempilli Omar, qalli illi għandu xi klijent biex neħodielu d-Dolmen Hotel jekk qed niftakar sew għax ilu ħafna issa dan, naħseb ilu 10 snin jekk mhux iktar, u kien qalli biex inhallilu ċ-ċavetta r-reception u l-karozza nipparkjahielu fil-parking area u jiena hekk għamilt. Qalli għal kemm-il ġurnata riedha imma ma niftakarx kemm kien qalli, naf illi kien għadda t-terminu tal-hire u kont ċempiltlu u qalli biex immur niġborha minn fejn ħallejtha. Jiena mort u la sibt il-karozza, la sibt iċ-ċavetta u lanqas ma sibt lill-klijent jiġifieri l-isem li suppost jiena tajt il-karozza, li hu kriha, ma kienx jeżisti. Daqshekk naf jiena jiġifieri.*

Glen Debattista tenna u żied jgħid illi *meta għalqet il-kirja, jiena s'intendi jew mort jiena jew bgħatt lil xi ħadd milli kien jaħdem miegħi biex jiġbru l-karozza minn ġod-Dolmen Hotel f'Buġibba u jiġifieri ċ-ċavetta ma nstabitx fir-reception, ġieli baqgħu sejrin biċ-ċwievet ifhimni. ... la ċ-ċavetta ma nstabet u lanqas il-karozza fil-parking area. Imbagħad jiena ċempilt lil Omar u għidtlu li l-karozza la qiegħda hemmhekk id-Dolmen u għidtlu lanqas ċ-ċavetta m'hemm. Għidtlu forsi ħallewha l-airport jiena għax jista' jħallihielek l-airport il-klijent fil-car hire parking u tlajt l-ariport infittixha u ma sibthiex lanqas. Mhux talli ma fittixthiex kont fir-rental car park imma lanqas in-naħa l-oħra faċċata, imkien ma nstabet din il-karozza. Imbagħad jiena ġieni l-ħsieb li nidħol nerġa' l-lukanda fejn ir-receptionist, staqsejt għal dan l-isem partikolari illi kien tani Omar u qalli hawnhekk m'għandna l-ebda klijent b'dak l-isem.*

Glen Debattista spjega li missieru kien xtara permess tal-car hire mingħand Raymond Cortis peress li kellhom kumpannija bl-isem Lytens Rentals Limited. Inizjalment kien hemm sitt karozzi għall-kiri li in segwitu żdiedu għal mitejn karozza. Peress li l-permess kien f'isem Raymond Cortis, numru ta' karozzi ġew reġistrati f'ismu, inkluż l-karozza mertu ta' dawn il-proċeduri, iżda tħallsu min Debattista. Ikkonferma li mhux l-ewwel darba li kien kera vetturi lil Omar Caruana, iżda din il-karozza partikolari, ossia l-karozza ta' l-għamla Hyundai Accent bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DAK-465, ma nstabitx fit-tmiem tal-kirja. Glen Debattista spjega li meta huwa kien jikri l-vetturi lil Omar Caruana, kien jikrihom lilu dirett u Caruana kien iħallsu u imbagħad Caruana a sua volta jerġa' jikri l-vetturi b'rata tiegħu. Debattista ikkonferma li għall-kiri tal-karozza mertu ta' dawn il-proċeduri huwa kien tħallas minn Omar Caruana iżda fit-tmiem tal-kirja l-karozza ma ħadhiex lura għaliex ma kenitx instabet. Xehed ukoll li mingħand l-insurance ma ħa xejn għar-raġuni li huwa ma baqgħax isegwi l-kwistjoni. Glen Debattista enfasizza li huwa kera l-karozza lil Omar Caruana li a sua volta kien, jew għall-inqas deher, li kien qed jikriha lil terza persuna. Saħaq ukoll li fiżikament il-karozza ma kienx għaddiha lil Omar Caruana iżda kien ħalliha fil-parkeġġ tad-Dolmen Hotel u iċ-ċavetta mar-Receptionist. Meta mar biex jiġbor il-karozza, din ma nstabitx u meta staqsa lir-Receiptionist tal-lukanda dwar il-persuna li suppost krietha din qaltlu li l-isem mogħti ma kienx persuna li alloġġja fil-lukanda.

[18] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2020, fol. 89 u 90 tal-proċess.
[19] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2021, fol. 106 sa' 114 tal-proċess.

F'dawn il-proċeduri ġew esebiti ukoll Fedina Penali ta' Glen Debattista[20] u Fedina Penali aġġornata ta' l-imputat a fol. 144 sa' 154 tal-proċess.

Kif già osservat iktar 'l fuq, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' approprjazzjoni indebita ai termini ta' l-Artikolu 293 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta bl-aggravanti u skala fil-piena previsti fl-Artikolu 294 u 310 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 293 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta kien, fiż-żmien relattiv għar-reat hawn trattat, jipprovdi li: *kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn disa' xhur: Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bil-kwerela tal-parti.*

L-Artikolu 294 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta kien, fiż-żmien relattiv għar-reat hawn trattat, jipprovdi li: *madanakollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn ħames xhur sa' sena.*

L-Artikolu 310(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament is-subparagrafu (a) kien, fiż-żmien relattiv għar-reat hawn trattat, jipprovdi li: *fil-każijiet imsemmijin f'dan is-subtitolu: (a) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn elf lira, il-piena tkun ta' priġunerija ta' tlettax-il xahar sa' seba' snin.*

Mill-ġurisprudenza nostrali jirriżulta li[21] l-estremi tar-reat ta' approprjazzjoni indebita huma s-segwenti:

1. *Il-pussess tal-ħaġa jkun ġie trasferit lis-suġġett attiv tar-reat volontarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jiġi speċifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivoċità li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil aġent jew lis-suġġett attiv tad-delitt, trid tkun magħmula con l'animo di spostasri del possesso, għax altrimenti jiffigura mhux ir-reat ta' l-approprjazzjoni indebita, imma s-serq;*
2. *Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioè tal-proprjetà għaliex f'dan il-każ ma jiffigurax l-element ta' l-azzjoni indebita;*
3. *L-oġġett irid ikun mobbli;*
4. *Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jagħmel tiegħu l-ħaġa cioè japproprja ruħu minnha, jew jbiegħha, jew jiddistruġġiha a proprio commodo o vantaggio;*
5. *Irid ikun hemm ukoll l-intenzjoni tas-suġġett attiv tar-reat li japproprja ruħu mill-oġġett li jkun jaf li huwa ta' ħaddieħor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawżat lill-proprjetarju li fil-konfront tiegħu tkun saret l-approprjazzjoni indebita.*

Fir-rigward ta' dan l-aħħar element, ġie osservat mill-Qrati nostrali li: *hemm teoriji li appena s-suġġett attiv tar-reat idawwar bi profitt għalih l-oġġett, dan minnu innifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali*[22].

[20] Dok. "IAX" a fol. 119 sa' 143 tal-proċess.
[21] Il-Pulizija v. Marbeck Cremona, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-15 ta' Frar 2007.
[22] Il-Pulizija v. Marbeck Cremona, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti taĠ 'udikatura Kriminali fil-15 ta 'Frar 2007.

Minn dawn l-elementi jirrizulta ċar li r-reat ta' approprjazzjoni ndebita huwa *konċepit mhux biss fuq l-abbuż ta' fiduċja imma fuq il-fatt li persuna tagħmel użu bi profitt għaliha minn oġġett li jappartjeni lil ħaddieħor liema ħaddieħor ikun fada dak l-oġġett f'idejn is-suġġett passiv f'wieħed miċ-ċirkostanzi li jikkontempla l-artikolu 293 tal-Kodiċi tagħna*[23]. Ifisser għalhekk li biex jirriżulta r-reat ta' approprazzjoni indebita *irid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-ħati jkun irċieva l-ħaġa biex minnha jagħmel użu determinat u minflok jikkommettiha għal benefiċċju tiegħu stess jew jiddisponi mill-ħaġa kuntrarjament għall-pattijiet stipulati in buona fede.*

Sabiex jissussisti r-reat ta' approprjazzjoni indebita irid ikun hemm ukoll l-element doluż. Fir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joanne Sciberras** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-10 ta' Jannar 2018, fejn appuntu ġie osservat illi *a costituire il delitto di appropriazione indebita è necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprietà, a scopo d'indebito profitto per sè o per un terzo, il dolo sarà costituito dalla volontarietà della conversione con scienza della sua illegittimità, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrerà in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita è (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perchè non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; 'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza è costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo. Issir referenza ukoll għad-deċiżjoni "The Police v. Arthur Arakelyan: Consequently, for the Prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others. The jurist Francesco Antolisei explains: "La vera essenza de reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abbuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, e arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio". … The key phrases in the law lie in the words "under a title which implies an obligation" and "to make use thereof for a specific purpose" – a purpose specified by the person delivering the object to the agent or agents, which person has the right to impose an obligation on the agent regarding the use to be made of the object entrusted to his care. If the agent proves that he has made use of such object according to the instructions given to him, then he cannot be found guilty of the commission of this offence. … Consequently from the above it results that the crime of misappropriation is based on the abuse of trust given to the agent, which abuse results in the consequent mishandling of any object by making use of the same for personal gain or profit whether financial or otherwise.*

[23] *Ibid.*

Hawn il-Qorti tagħmel referenza wkoll għal dak osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. John Gauci**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-14 ta' Frar 1997[24]: *minn eżami ta' l-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jidher ċar li wieħed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frażi: "... taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu ... li jsir użu minnha speċifikat ..." . Speċifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-ħaġa lill-aġent u minn ħadd iżjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-ħaġa u ħadd ħliefha li jkollha jekk timponi l-obbligu ossia tispeċifika lill-aġent dwar kif ikollu jagħmel użu mill-oġġett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan bihom jixtrilu dar, l-aġent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jagħtihom karità. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-aġent ikun approprja ruħu mill-flus indebitament jekk jagħtihom karità, apparti l-kwistjoni tal-moralità. Jekk jixtrihom armi, allura l-aġent ikun għamel użu mill-flus kif speċifikat. F'kull każ, fl-indaġini dwar il-ħtija jew le ta' approprjazzjoni indebita, għandha ssir prova ta' l-użu tal-ħaġa speċifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-aġent ma jkunx għamel mill-ħaġa dak l-użu jew użu divers.*

Meta l-fatti ta' dan il-każ u l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi appena ċitati, il-Qorti hija tal-fehma li ma tista' tirriżulta l-ebda ħtija da parte ta' l-imputat għar-reat ta' approprjazzjoni indebita kif lilu addebitat bl-imputazzjoni hawn eżaminata u kkunsidrata, in kwantu hija għal kollox nieqsa l-prova lil hinn minn kull dubju raġonevoli ta' l-element ta' dolo da parte ta' l-istess imsemmi imputat.

Bil-provi prodotti l-Prosekuzzjoni rnexxielha tistabilixxi li:

- Fiż-żmien in kwistjoni l-imputat u Glen Debattista entrambe kienu jmexxu negozji ta' *car hire*. Meta l-imputat kien ikollu bżonn karozzi għall-kiri iżda ma kienx ikollu biżżejjed vetturi, kien jikri karozzi skond il-bżonn mingħand Glen Debattista;
- Fi Frar 2002, l-imputat ġie avviċinat minn persuna għall-fini ta' kiri ta' karozza lil terza persuna - ċertu John Howe - għall-perijodu ta' ħamest ijiem;
- L-imputat ftiehem ma' Glen Debattista biex dan ta' l-aħħar jipprovdih b'karozza biex hu a sua volta jkun jista' jikriha lil din it-terza persuna;
- Glen Debattista pprovda l-karozza Hyundai Accent bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DAK-465 lill-imputat għall-perijodu ta' ħamest ijiem u l-imputat ħallsu il-kirja għal dawn il-ħamest ijiem;
- L-imputat a sua volta kera l-karozza lil terza persuna - John Howe - għall-perijodu ta' ħamest ijiem;
- Fi tmiem tal-ħamest ijiem, il-karozza u ċ-ċwievet tagħha u dan John Howe, ma instabux bil-konsegwenza li l-karozza ma ġietx ritornata lil Glen Debattista;
- Glen Debattista, tramite Raymond Cortis is-sid reġistrat tal-karozza, għamel rapport mal-Pulizija dwar is-serq ta' l-istess imsemmija karozza;
- Saret ukoll claim ma' Laferla Insurance dwar is-serq tal-karozza in kwistjoni.

Huwa evidenti li bil-provi prodotti l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tistabilixxi u wisq inqas tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat b'xi mod għamel użu divers minn dak speċifikat tal-karozza in kwistjoni għal benefiċċju tiegħu stess jew li iddispona mill-karozza kuntrarjament għall-pattijiet stipulati ma' Glen Debattista. Kull ma rriżulta huwa li l-karozza, wara ħamest ijiem li din ġiet mikrija minn Glen Debattista lill-imputat biex huwa a sua volta jerġa' jikriha, kienet nieqsa u baqgħet ma nstabitx.

---

[24] Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta - Volum LXXXI - iv - 114.

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Joseph Cordina li kien investiga l-każ in kwistjoni jirriżulta b'mod ċar li l-bażi fuq liema l-Prosekuzzjoni ressqet lill-imputat akkużat bir-reat ta' approprjazzjoni indebita, kien il-fatt li l-persuna li avviċinat lill-imputat biex jikri l-karozza lil John Howe ma ġiex identifikat b'mod konkret stante li l-istess imputat ma kienx jaf ismu iżda kien jafu di vista bħala persuna li kien ikun ma' raġel ieħor li kien jikri vetturi mingħandu (ossia mingħand l-imputat), li dan l-aħħar imsemmi raġel wkoll baqa' ma nstabx u il-fatt li John Howe indikat lil u mill-imputat bħala l-persuna li ried jikri l-karozza baqa' ma instabx u jidher li lanqas kien reġistrat bħala residenti fil-lukanda Dolmen Hotel fiż-żmien tal-kiri tal-karozza.

Bir-rispett kollu lejn il-Prosekuzzjoni però dawn il-fatturi, dubji u inċertezzi dwar il-verżjoni tal-fatti mogħtija lill-Pulizija mill-imputat ma jippruvawx lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-istess imputat wettaq ir-reat ta' approprjazzjoni indebita a detriment ta' Glen Debattista.

Kif jirriżulta minn dak iktar 'l fuq osservat, ir-reat ta' approprjazzjoni indebita huwa kostitwit minn diversi elementi fosthom, l-element tad-dolo li fil-fehma tal-Qorti huwa ferm ċentrali għas-sussitenza tar-reat in kwistjoni. Id-dubji li kellha l-Pulizija u in segwitu li ġew enfasizzati mill-Prosekuzzjoni dwar il-verżjoni tal-fatti kif mogħtija mill-imputat fl-istadju ta' l-investigazzjoni ma humiex biżżejjed sabiex waħdehom u mingħajr provi ulterjuri, juru biċ-ċar u lil hinn minn kull dubju raġonevoli li *l-konsenjatarju* - ossia l-imputat - *in vjolazzjoni tal-kuntratt, jagħmel tiegħu l-ħaġa* - ossia l-karozza ta' l-għamla Hyundai Accent bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DAK-465 mikrija mingħand Glen Debattista - *cioè japproprja ruħu minnha, jew jbiegħa, jew jiddistruġġiha a proprio commodo o vantaggio.* L-unika prova li tirriżulta hija l-karozza ma nstabitx iżda ma hemm ebda prova li l-imputat zammha biex jagħmel użu minnha bħala tiegħu jew li biegħha jew li ddistruġġiha *a proprio comodo o vantaggio.*

Fin-nuqqas tal-prova ta' dan l-element hekk ċentrali għar-reat ta' approprajzzjoni indebita, il-Qorti tqis li ma tistax u ma għandhiex issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddikjara li mhux qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah mill-imputazzjoni hekk dedotta kontrih.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**